MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 71/2007

**Charles Micallef (I.D. 83436M)**

**Vs**

**James Grima (I.D. 249875M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta’ Jannar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1048.74), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema` x-xhieda tal-attur li waqt is-seduta tat-8 ta’ Marzu 2007, bil-gurament tieghu, ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1048.74), bl-imghaxijiet mill-15 ta’ Jannar 2007 u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz u dawk ta’ dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------